**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 t'Ottubru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**-vs-**

**Fernando Cremona, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 221679M**

Kumpilazzjoni Nru. 502/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Fernando Cremona u ċioè talli:

F'Marzu 2013 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Appropja billi dawwar bi profit għalih jew għal persuni oħra, is-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Gasco Energy Ltd, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, l-industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu għad-dannu tal-kumpanija Gasco Energy Ltd;

2. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd;

3. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. Ikkommetta serq ta' cilindri ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur il jeċċedi €2,390.24 u kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-2 t'Ottubru, 2013,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(iv) Fl-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(v) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

[1] Fol.119

Illi **Paul Agius Delicata**, CEO ta' Gasco Energy Limited, ta rendikont ta' dak li wassal sabiex isir rapport mal-pulizija: *"bdejna noperaw minn impjant gdid minn Benghajsa f'Lulju tat-2012 u sa Dicembru tat-2012, l-istock report, il-monthly stock report tal-ahhar tax-xhar dejjem deher li kien normali. F'Jannar deher li kien hemm xi diskrepanzi u ahna ovvjament bdejna nippruvaw naraw x'kienu dawn id-diskrepanzi... First time. F'Jannar. Ahna ovvjament bdejna ninvestigaw ghax ghall-ewwel tibda tghid x'inhi l-istorja u fi Frar ergajna sibna diskrepanzi li kienu anki ikbar. Filfatt imbaghad skoprejna li kien hemm serq u skoprejnieh dan fit-tmienja ta Marzu l-impjegat taghna jew l-ex impjegat taghna ghax issa m'ghadux jahdem maghna keccejnieh ammetta li kien in collusion ma dak li kien qed jghid hu u sitt disrtibuturi fejn kien itihom il-gas u ma kienx jirregistrhom fuq ic-chits jigifieri......F'dawn il-kazi li kien qed jigri kien qed jghabbi hamsa, jirrekordja tlieta u tnejn ovvjament jigu misruqin."*.[2] Ikompli jispjega kif wasslu sabiex jiddeterminaw li kien qed isir dan is-serq ta' cilindri *"ahna ghandna s-sistema tac-CCTV li ghandna madwar is-site kollha u wara li skoprejna kien hemm jidhru diskrepanzi minn dak irregistrat fuq ic-chit ghal dak li hemm fisikament fuq il-vedio.... Dan il-film juri l-vetturi dehlin, u peress illi ovvjament ic-cilindri jkunu mghobbijin fuq barra tat-truck minn fuq wara tat-truck, wiehed jista jghoddhom anki minn fuq ic-CCTV. Mbaghad hemm il-process kollu sakemm jinhatt u jitabba u jerga johrog."*[3] Ix-xhud esebixxa USB bil-*footage*[4] u *stills*[5] li jirrigwardaw l-imputat fil-granet tal-4 u l-5 ta' Marzu, 2013, li skond hu juru diskrepanza bejn dak li nhareg mill-impjant u dak li effettivament gie mghobbi fuq it-truck.[6] Mill-audit li ghamlet il-kumpanija rrizulta li kien hemm diskrepanza ta' €179,570.[7] Roderick Camilleri kien sussegwentement ghadda nofs dan l-ammont rapprezentanti 50% tal-ammont misruq peress li skond hu kien jaqsam id-dhul mad-distributuri.

In kontro-ezami jikkonferma li hu kien pprezenta l-*footage* kollu relatat mal-imputat[8] li kif inghad kienu biss ta' jumejn! Isemmi li hemm mal-31 distributur u li dawn jistghu ikollhom aktar minn truck wiehed jew izjed minn xufier wiehed fejn ic-cilindri setghu jingabru mix-xufiera ta' distributur licenzjat; l-imputat kellu mieghu xufier lil huh Riccardo.[9] Il-

[2] Fol.90
[3] Fol.91
[4] Fol.142; CF16
[5] Fol.95-108
[6] Dok. CF5
[7] Fol.92. Kopja awtentikata esebita minn Stephen Muscat a fol.61 (Dok. CF2)
[8] Fol.234
[9] Fol.235

verifikar dwar kemm kien hemm vojt u kemm ittiehed mimli kien *"isir at the point of loading, ma kienx isir biex niftehmu double checking."* [10] fejn ghalhekk kien jiddependi fuq l-operat tal-*cylinder controllers* fosthom Roderick Camilleri li kien jaghmel *"unloading, counting and reloading"*[11] anzi *"Ic-cilinder controller li qed nirreferu ghalih bhala Roderick, ic-cilinder controller huwa wkoll il-forklift driver li qieghed ihott u jghabbi biex niftehmu."* Madanakollu jghid li d-distributur nnifsu wkoll ikun qed jghodd mal-operatur u jkun jaf x'qed jitghabba u jinhatt fuq it-truck tieghu.[12]Ix-xhud ikkonferma li wara dan il-kaz l-imputat baqa' jsegwi l-operat tieghu kif ukoll li minflok *spot checks* tramite is-CCTV bdew isiru 100% checking fejn min jidhol jigi mghoddi darbtejn *in and out*. [13]

Illi **Robert Bonavia**, plant manager mal-Gasco Energy Ltd., xehed dwar kif saru jafu li kien qed issir serq ta' cilindri mill-kumpanija: *"Jiena bhala manager fl-ahhar ta' kull xahar naghmel l-istock take u nara x'hareg u x'ma dahalx u x'hin ghamilna l-istock take ta' Jannar sibna diskrepanza ta' ammont ta' gas li ma nafux fejn mar. U bdejna ninvestigaw biex naraw x'gara u nghidlek id-dritt f'Jannar ghalkemm isuspettajna li setgha kien hemm serq, l-ammont kien tant kbir li qisu skartajnieha l-affari. Gie Frar u d-diskrepanza rdupjat. Ghamilna c-chekkijiet kollha u ndunajna li qeghdin johorgu c-cilindri mill-impjant mhux iddikjarati. Bdejt naghmel naqa checking fuq id-distributuri u fuq il-haddiema tieghi u wara tliet ijiem indunajna, qbadna kaz fil-fatt, fejn distributur dahal b'ammont ta' cilindri, ghabba ammont u hareg u ddikjaraw kemm il-haddiem taghna u kemm id-distributur ddikjaraw ammont inqas. Jiena ghidtilhom itellawli l-karti, mall-ewwel, sfortunatament il-haddiem taghna lahaq induna li kont indunajt u rranga l-karti imma ovvjament il-karta tad-distributur ma gietx irrangata. Mort ghand id-distributur u gibt il-karta jiena u kkonfrontajthom u ndunajt li kien hemm id-diskrepanza. .....u bghatna l-haddiem taghna kien Roderick Camilleri, bghatna ghalih fl-ufficcju, u bdejna nsaqsuh x'gara, u ghal bidu beda jinnega, qal dan kien zball u ma ndunajtx, urejnieh li ma kienx zball u ghandna diskrepanza kbira ta' cilindri u wara ftit mbaghad ammetta x'kien qieghed jigri li kien involut ma numru ta' sitt distibuturi li kien ftiehem maghhom li jtihom numru iktar ta cilindri, jiddikjaraw inqas mbaghad jaqsmu l-flus..... Minn naha tieghi li ghamilt jiena fuq l-impjant ghandna numru ta' cameras, x'hin kont naf id-distributuri liema huma bdejt naqbad gurnata partikolari li jigu huma, mill-vedios nara kif dahlu,*

---

[10] Fol.236
[11] Fol.237
[12] Fol.238
[13] Fol.240

*kemm kellhom cilindri meta dahlu narhom jabbu, jhottu, huma u hergin u nqabbel mal-karta u bdejt insib id-diskrepanza fic-cilindri wkoll."*[14] Meta mar d-dar tieghu, Roderick Camilleri kien anke rritorna madwar €62,000.

In kontro-ezami jsemmi li kien hemm 3 haddiema, *cylinder controllers*, li distributur seta' jiddilja maghhom u kienu huma biss li kellhom l-awtorita` ihottu truck tal-gas u jergghu jimluh bic-cilindri. Il-formoli kienu jimtlew minn dawn il-kontrolluri u jiffirmahom ukoll id-distributur partikolari.[15] Ikkonferma li kien hemm drabi fejn kien ikun hemm diskrepanzi li jigu senjalati mid-distributur dwar l-ammont ta' kemm cilindri thattew u kemm tghabbew, u minkejja li d-distributur ikun ffirma l-karti, l-kumpanija kienet taghti lura d-diskrepanza dovuta.[16] Spjega li gagga titpogga fuq it-truck, li jista' jiehu tmien gaggeg, permezz ta' *fork lifter* u kull gagga tiehu 35 cilindru. Ikkonferma ukoll li fejn issir il-loading hemm cameras ta' sorveljanza li mhumiex mohbija.[17] Meta d-distributur jigi biex ihallas ghall-ammont ta' cilindri dan kien isir billi jaghti cheque intestat lill-kumpanija Liquigas u jkun l-impjegat ta' dik il-kumpanija li jindika fuqu l-ammont dovut skond l-invoice li tkun saret mill-ufficju isfel. Ix-xhud ikompli jixhed kif hu ra il-*video footage* u seta' jikkonstata li fil-5 ta' Marzu, 2013, l-imputat kellu diskrepanza ta' 70 cilindru u cioe` *"Zewg gaggeg. Fil-jumejn ta qabel ghandu zewg kazi ohra ta' hamsa u tletin u hamsa u tletin, ma nahsibx li zball, ghandi l-vedio cameras..... Ta' numru ta' cameras minn fuq is-site taghna fejn turi d-diskrepanza x'dahal, x'tabba, u x'hareg."*[18] Izid *"Ha nispjega kif issir is-sistema, t-truck jidhol, l-impjegat taghna bil-lifter jaqbad u jhottlu l-gaggeg, u jitfahom fl-art. Hemmhekk huma obligati jghoddu l-vojt biex jikkonciljaw..... flimkien u jridu jiftemu li hemm ammont nkella c-cilindri iridu jibqghu hemmhekk. Imexxu c-cilindri mal-genb u nabbulu c-cilindri l-godda. X'hin nabbulu c-cilindri l-godda jerga jsir l-ghadd, jaqblu u x'hin jaqblu t-tnejn l-huma jiffirmaw it-tnejn l-huma....d-distributur jghid kemm ghandu bzonn cilindri u ahna nabbulu c-cilindri."*.[19] Itemm ix-xhieda tieghu billi jghid li hu seta' jiddetermina kemm il-gagga kien hemm fuq it-truck (u li ma kienitx indikata bhala ammont li ttiehed mill-imputat) peress li din hi gagga li fiha zewg metri b'zewg metri u ghalhekk vizzwalment wiehed

[14] Fol.18
[15] Fol.22
[16] Fol.25
[17] Fol.26-27
[18] Fol.29
[19] Ibid

seta' jaraha facilment.[20]Bonavia esebixxa diversi *stills* minn *footage* li skond hu huma ta truck DAF-170.[21]

**Madanakollu l-Qorti ma setghetx tikkonferma dawn il-fatti peress li n-numru tat-truck ma jidhrix u wisq inqas l-imputat! Din id-diffikulta` tigi anke riskontrata mill-espert tal-Qorti Dr. Farrugia Sacco**.[22]

Giet prezentata *invoice* datata l-5 ta' Marzu, 2013, li turi li kienu ttiehdu b'kollox 177 cilindru u gie rritornat l-istess ammont.[23] Gew prezentati *stills* ukoll ghal jum tal-4 ta' Marzu, 2013, li hemm indikat li dawn ittiehdu <u>minn hu l-imputat</u>,[24] kif ukoll *invoice* li turi li tiehdu 242 u gew rritornati 233 cilindru.[25]. Set *stills* ohra jirrisalu ghall-istess jum tal-4 ta' Marzu, 2013, fejn hemm indikat li t-truck jidher diehel hu tal-imputat bil-pjanca GAS026.[26] *Invoice* relatata ma dan il-vjagg turi li ttiehdu 231 u gew rritornati 236.[27] <u>Jinghad mill-ewwel li l-firem fuq l-invoices jidhru differenti l-wahda mill-ohra.</u>

Illi **Stephen Muscat**, chief financial officer fi hdan il-Gasco Energy Ltd., spjega l-involviment tieghu wara li gie skopert li kien qed ikun hemm diskrepanzi fl-ammont ta' gass li qed jinbiegh u dak li qed jigi prodott *"L-impjant beda jopera f'Lulju 2012 u wara ftit xhur li beda jopera l-impjant u kollox kien miexi sew, lejn l-ahhar tas-sena bdejna nindunaw li setgha kien hemm xi varjanzi fl-istock taghna kkalkulat bejn dak li nbieghu u dak li nipproducu. F'jannar hrigna rapport formali tieghu dan u kien hemm din id-differenza, fi Frar zdieded din id-differenza u bdejna naghmlu inspections..... Li ghamilt jiena rajt ir-rapporti tad-differenza jigifieri bejn dak li bihhejna dak li pproducejna u niehdu in consideration l-operning u l-closing stock biex jigi jaqbel pressa poco ghax ikun hemm xi differenzi zghar imma kien hemm differenzi kbar."*[28] Esebixxa il-kalkoli li ghamel[29] u spjega kif dawn saru *"Ahna hareg id-differenza tal-ammont ta kili ghax ahna nistokkjaw in metric tons or in kilos, jiena dan qsamtu bejn id-daqs tac-cilindri li nbieghu ahna, s-suq*

---

[20] Fol.30
[21] Dok. CF1 a fol.31-36
[22] Fol.164
[23] Fol.37.
[24] Fol.38-45
[25] Fol.46
[26] Fol.47-54
[27] Fol.55
[28] Fol.57
[29] Dok. CF2 a fol.61

*taghna huwa qisu 85% huwa domestic li huwa cilindru ta tnax il-kilo nghidu ahna, u 15% huwa kummercjali cilindru li huwa ikbar tal-25 kilo. Jien ghamilt proportion ta' dawn ic-cilindri u hrigt mbaghad il-cost ta kull xhar jigifieri kemm jinbiegh, kemm jinbiegh cilindru per kilo f'Jannar u fi Frar u hrigt ammont ta' differenza ta' kili u ammont ta' differenza ta' flus."*[30] Mill-kalkoli tieghu l-ammont ta' bejgh mitluf kien dak ta' €179,570[31] u jsemmi li Camilleri kien ghadda circa €63,000 *"qal li dan kien nofs l-ammont li hu ghadda lid-distributuri f'cilindri"*.[32]

**Jigi sottolinejat li 50% tal-ammont kkalkolat mill-kumpanija stess jizboq bil-bosta is-€63,000 li Camilleri rritorna lill-kumpanija u dan ser jassumi rilevanza fil-konsiderazzjonijiet li ser taghmel din il-Qorti meta tasal biex tiddetermina l-kredibilita` tax-xhud Camilleri!!**

Illi **Roderick Camilleri** xehed kif kien jahdem ma GASCO Energy Ltd. bhala *lifter/operator* u xogholu kien iqassam ic-cilindri tal-gass lid-distributuri, fosthom lill-imputat.[33] Iddikjara li hu kien instab hati talli flimkien ma xi distributuri kien jindika li ttiehdu anqas cilindri mimlija u l-flus mill-bejgh tal-istess kien jinqasam bejnu w id-distributur. Dawn il-flus kienu jigu mghoddija lilu mill-imputat hdejn id-dar tieghu f'Haz-Zabbar.[34] Ma kienx kapaci jindika kemm kien l-ammont li l-kumpanija soffriet f'telf u l-frekwenza dwar meta dan kien isehh ghaliex skond hu kienet okkorenza ta' kull gimgha.[35] Meta rega'xehed ikkonferma li kien **ircieva l-flus *"fejn id-dar"* tieghu minghand l-imputat u dawn kienu jaslu *"kull gimgha hux"*[36].** Ghalkemm ix-xhud jixhed fit-30 ta' Lulju, 2013 – u ghalhekk vicin id-dati li l-akkuzat gie akkuzat li wettaq r-reati addebitati lilu - isib diffikulta jindika iz-zmien li fih kien qed jigu mghoddija lilu dawn il-flejjes *"Forsi sitt xhur, hamsa, ezatt bl-amment ma nafx ghax issa ghadda z-zmien hux.....seba xhur"*.[37]

Il-Qorti ftit tifhem ghaliex isib daqshekk diffikulta Camilleri meta fi kliem is-CEO Agius Delicata[38] l-impjant beda jahdem f'Lulju, 2012, u hu,

[30] Fol.58
[31] Fol.61
[32] Fol.59
[33] Fol.14
[34] Fol.15 u fol.66-67
[35] Fol.16
[36] Fol.67
[37] Fol.68
[38] Ara ukoll xhieda f'dan is-sens ta' Stephen Muscat, Chief Financial Officer

Camilleri, kien tkecca ftit wara l-bidu ta' Marzu, 2013 meta sar maghruf dak li kien qed isehh! Jekk ghandu jigi emnut Camilleri, dan ifisser li malli beda jopera l-impjant mill-ewwel inghata bidu ghal din il-kolluzzjoni bejnu u, *inter alia*, l-imputat. Meta mistoqsi mill-abbli prosekutur sabiex jispjega kif origina l-ftehim u fhiex kien jikkonsisti, ix-xhud hu xott ghall-ahhar**, ma jsemmi xejn dwar kif nibet tali ftehim, ta' min kienet l-ideja, kif zvolga dan il-ftehim u fatti relatati bhal per ezempju xi prekawzzjonijiet setghu ittiehdu sabiex ma jinqabdu.** Jghid biss *"Kien idahhal ix-xoghol, ezempju kien idahhal sitt gageg, kont inizzillu hamsa, u meta kien jghabbi lura kont nghabbilu l-istess. Kont nghabbih sitta u nnizzillu hamsa.... fuq il-karta hux li kienu jtuna tax-xoghol fuq ic-chit book."* li kien jiffirma ukoll l-imputat.[39]

Illi l-**Ispettur Carol Fabri** spjegat li fit-8 ta' Marzu, 2013, id-dirigenti tal-Gasco Energy Ltd kienu marru l-ghassa jaghmlu rapport dwar serq ta' cilindri tal-gass; maghhom kien hemm Roderick Camilleri *"fejn hu ammetta mal-kumpannija kif ukoll mal-Pulizija li kienet ghadejja bejnu u bejn sitt distributuri tal-gas bicca xoghol interna billi jitghabbew iktar cilindi milli suppost jigu ffirmati fuq ic-chit. Is-Sur Camilleri dakinhar ukoll li hadtlu l-istqarrija ammetta li kellu xi flus fejn dak il-hin flimkien ma membri tal-kumpannija marru biex gabu l-kumplament tal-flus fejn l-ammont kien ta tnejn u sittin elf u xi haga li huma gew irritornati bhala flus mill-ewwel lil kumpannija. Minn dakinhar Roderick tressaq il-Qorti u kien wehel sentenza wkoll. Bdejna nghajtu lin-nies li huwa kien indika, gibna l-footage u morna wkoll fuq il-post naraw kif din l-azzjoni kollha kif jidhlu t-trukkijiet kif jitghabbew, rajna l-process kollu kif isir u tkellimna mas-Sur Fernando li jien qed nara hawnhekk fl-awla li qieghed indikat hawnhekk. Huwa gie mitkellem, meta urejnieh u ghidnielu ahna bhala pulizija xi provi ghandna, hu nnega dan kollu u qal li dawk setghu kienu cilindri li dahlu mimlija pero ovvjament in-numru li kien indikat mill-kumpannija kien hafna iktar minn dak stipulat fuq il-karta u fuq dak li kien qed jghid s-Sur Cremona, filfatt darba minnhom minn dak li pproduca s-Sur Agius Delicata fid-5 ta Marzu kien hemm 59 cilindru zejjed. Ghal dan innega s-Sur Cremona, darb'ohra fil-4 ta' Marzu kien hemm 35 cilindru zejjed"*.[40]

Ghandu jigi sottolinejat li meta l-Ispettur Mercieca pprezenta tlett stqarrijiet tal-imputat fl-original taghhom (dik tat-23 ta' Mejju, 2013, hija doppja), hu ben evidenti li **l-firma tal-imputat fuq it-tlett kopji hi**

[39] Ibid
[40] Fol.110-111

**identika.[41] Ferm rilevanti ukoll hu l-fatt li l-firma tal-imputat fuq l-istqarrijiet tieghu huma identici ghall-firma fuq l-invoice no. B68440 tal-4 ta' Marzu 2013.**

**Ghandu daqstant iehor jigi sottolinejat li invoice no. B68438 tirrigwarda lil hu l-imputat. Dan jirrizulta mill- istills li skond Bonavia juru it-truck misjuq minn hu l-imputat (hu jindika *"Brother of Fernando"*) fejn il-hin hemm indikat hu dak tal-13:00 pm xhin dahal l-impjant[42] u hareg 14:02.[43]** Anke dan il-hin hu ta' rilevanza ghax 34 minuta wara skond l-istills esebiti mill-istess Bonavia jidher diehel l-imputat bi truck GAS026 fil-14:36pm.[44] **Ghalhekk jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firma tal-imputat tidher fuq l-invoice B68440,** filwaqt li dik fuq l-*invoice* B68438 probabbilment tappartjeni lill-huh, distributur hu ukoll ghalkemm l-*invoice* hi intestata fuq l-imputat, id-distributur licenzjat. Ma saret l-ebda prova li l-firma li tidher fuq invoice B68806 tappartjeni ukoll lill-imputat.

Illi **PS1434 Mario Mercieca** ikkonferma il-**Current Incident Report**[45] redatt minnu fejn jinghad li meta kkonfrontat bl-allegazzjoni ta' serq ta' cilindri, kien hemm numru ta' distrbuturi li ammettew l-involviment taghhom, hekk kif ghamel Roderick Camilleri, l-imputat u persuna ohra baqghu isostnu li ma kienu ghamlu xejn hazin *"ghax fil-fatt ic-cilindri li huma indikati bhala zejda mill-kumpanija, ma huma xejn hlief cilindri li huma dahlu bihom mimlija u ghalhekk tikkompensa d-diskrepanza li wiehed kien qieghed isostni li kien hemm. Huma nnegaw ukoll li qatt taw xi flus lir-Roderick Camilleri jew iltaqaw mieghu..."*.[46]

Illi **Marisa Gauci** in rapprezentanza tal-Vodafone intalbet taghti lista ta' telefonati bejn in-numri 79392757 u 79928420, liema numri hi qalet li ma kienux registrati.[47] Jidhru diversi sms u telefonati li saru bejn dawn iz-zewg numri ghalkemm ix-xhud ma gietx mistoqsija tispjega liema minn dawn it-telefonati jew sms originaw minn liema numri. Kif jixhed id-

---

[41] Xhieda a fol.130 et seq. Stqarrijiet a fol. 132 et seq.
[42] Fol.39
[43] Fol.45
[44] Fol.47
[45] Dok. CF3 a fol. 73 et seq.
[46] Fol.76
[47] Fol.78

dokument esebit minnha li numru konsiderevoli saru anke f'hinijiet filghaxija[48] u f'jiem ta' festa fit-8 u fil-25 ta' Dicembru, 2012.[49]

Illi mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li n-numru tal-mobile tieghu hu 79928420.[50] Baqa' qatt ma ngiebet prova mill-prosekuzzjoni lil min jappartjeni in-numru 79392757! Mhemmx dubbju li kien hemm frekwenza kbira, anke fl-istess jum u f'temp qasir bejn dawn iz-zewg numri. **Il-fatt li kienu jsiru f'jiem ta' festa u filghaxija wkoll jindika familjarita` kbira bejn iz-zewg utenti!**

Illi **Dr Stephen Farrugia Sacco[51]** ipprezenta r-relazzjoni tieghu minn fejn, kif anke kellha okkazzjoni tirrileva din il-Qorti aktar il-fuq, mill-***filmati "ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma {bhal numru tal-pjanci tal-vettura (fost affarijiet ohra)]."***[52] Mill-istess relazzjoni jirrizulta li l-filmati tal-5 ta' Marzu, 2013, li skond Bonavia u Agius Delicata juru lill-imputat diehel bit-truck DAF170,[53] hemm indikat li dawn il-filmati/*stills* gew registrati bhala ta' *"Fernando brother Tuesday 5th March.docx"*[54] u minn imkien ma jissemma' l-imputat kuntrarjament ghal jum tal-4 ta' Marzu, 2013, fejn hemm riferenza kemm ghal huh kif ukoll ghall-imputat *"Fernando Cremona Monday 4th March.docx"*.[55]

Ghalhekk ghaliex f'dawn il-proceduri qed jigi mghobbi b'responsabbilita` unikament l-imputat? Semplicement ghax hu kien d-distributur licenzjat u ghalhekk l-prosekuzzjoni (u l-kumpanija) qed tassumi – minghajr ma tipproduci d-debita prova dwar dan – li kull ma ghamel huh, kien bil-komplicita` tieghu? Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**:[56]

---

48 Fol.82-83

49 Fol.82 tergo

50 Fol.113 u 115

51 Xhieda a fol.219. Rapport a fol.154 et seq.

52 Fol.164

53 Vide stills esebiti minn Paul Agius Delicata Dok. CF7 a fol.103 fejn hemm indikat fuq l-istess stills *"Fernando Cremona"* u dawk esebiti minn Robert Bonavia Dok. CF1 a fol. 31 fejn fix-xhieda tieghu a fol.28 jindika li kien l-imputat li dahal fl-impjant fil-jum tal-5 ta' Marzu, 2013.

54 Fol.159

55 Fol.157. Jigi osservat ukoll li kif irrileva l-espert Farrugia Sacco hemm anke parti mill-filmati nieqes.

56 Per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 9 ta' Jannar 2012.

Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[57]

Mhemmx dubbju li prova tal-komplicita` tal-imputat f'xi agir illegali ta' huh jew tal-lavrant tieghu, li lanqas ma gie pruvat minhabba l-istess ragunijiet li gja isemmew, baqghet mankanti minn dan il-process.

Illi l-imputat **Fernando Cremona** ghazel li jixhed u spjega li bhala distributuri lkoll kellhom id-distrett taghhom. Hu kien ix-*shop steward* tad-distributuri u kien jirraprezentahom fi kwistjonijiet li minn zmien ghal zmien jinqalghu mal-Gvern. Jispjega kif kien isir ix-xoghol *"kien hemm security fejn il-gate fejn ahna konna nieqfu u s-security kien jicekkja whatever idur mat-truck jaghmel l-affarijiet tieghu li kien obbligat li jaghmel u ahna nieqfu hdejh. Kif itina l-go ahead biex ninzlu isfel ninzlu isfel, nieqfu fejn il-control room nistennew ghax ikun hemm zewg lifters biex jghabbu d-distributuri, biex ma ninqabdux kongestjoni kollha f'daqqa. ......inti gej minn fuq id-distrett jigifieri ha tohrog filghodu full, immur nigbor minghand in-nies il-vojt u ntihom il-mimli, sintendi ghandek il-mimli li ha jkun ghadu fuqhek u ha tibqa' niezel biex tghabbi biex tirriplaceja l-vojt li bihhejt.... kif naqbez is-security u nzilt isfel jien, jghajjatli kif johrog wiehed minn fejn il-forklifter, niehu hsieb li ha jhottli x-xoghol, jicekkjali x-xoghol u jhottli u jghabbili, irid jaghmel bazikament ix-xoghol kollu f'daqqa, le ma kienx hemm wiehed jistenna li jien irid joqghod ihottli c-cilindri u jimlili dawk u nergghu nistennew ghax kieku ma tispicca qatt, jigifieri kien ikun hemm stock available minn naha tal-kumpannija mimli, kif nasal nicekkja nivverifika li jekk jien ghal mod tal-kelma kelli mitejn cilindru ghandi mitejn cilindru, li huma hemm il-mitejn cilindru, ghandi tletin minnhom huma mimlijin u l-mija u sebghin l-ohra huma vojta. Jivverifika, jivverifika mieghi u naqblu li x-xoghol huwa hekk, ihottu, jghabbi l-mimli"*[58]

L-imputat ikompli jaghti aktar dettal: *"jien l-obbligu tieghi kien li ma nicaqlaqx minn hdejn il-gabina tat-truck minhabba safety u minhabba affarijiet*

[57] Ref **Il-Pulizija vs Carmelo Agius**, Appell Kriminali, deciz 24.05.2002
[58] Fol.256-257

*jiehu hsieb kollox hu. Hu jhott mall-ewwel u jkun hemm iehor li jhottlu x-xoghol tieghi biex jitfghu biex jintela' whatever, u lili jghabbili l-mimli, jiddeductjali dak li kelli li kien fadalli fuqi u tohrog l-ewwel karta jimlieha bil-figuri kollha ta' dak li dhalt u hrigt kemm vojt u kemm mimli, issa biex infiehem ukoll biex tifhimni, jekk jiena dhalt b'mitejn cilindru gol-impjant u biex naghti spjegazzjoni kelli tletin cilindru li huma mimlijin fuqi, l-karta la ha jiktibli jiena lili mhix ha tkun turi li jiena dhalt b'mitejn cilindru u ha nerga nohrog b'mitejn cilindru, ghax it-tletin cilindru li jiena ghadu mimli fuqi ha jigu deducted kemm mill-vojt u kemm mill-mimli, jigifieri jien fuq il-karta ha jkolli verifikat meta dhalt bihom mija u sebghin u ghal mod tal-kelma meta nohrog ha nerga nohrog b'mija u sebghin. Dik jigifieri l-process kollu. Jien irrid naqbel mieghu sintendi ghax ticekkja l-karti dak il-hin u niffirmaha jiena, u nerga nitla' nohrog il'barra.*[59] Dwar il-mod li bih kien isir il-hlas jghid li kienu jhallu cheques iffirmati diga' pagabbli lil Liquigas *"dak il-bniedem li ghamel dik il-karta filghaxija kif inlesti mill-gurnata tax-xoghol [j]igbor ic-chits kollha ta' kull distributur li nizel, jghaddihom mill-accounts li ma nafx min jahdimhom dawn l-affarijiet, jahdmu l-kont ezempju jekk huwa 10Euro kull cilindru kemm ghabbejt u x'ghabbejt u whatever, u johrog il-kont tieghi. Il-kont tieghi johrog, jintela' c-cekk."*[60] Ic-cheque kien jimtela' mill-accounts section.

Dwar Roderick Camilleri jghid li kien operatur li jhott u jghabbi it-trukkijiet u li Camilleri xehed kif xehed biex jaghmillu l-hsara wara xi diffikultajiet li nqalghu *"Id-diffikultajiet jiena li kelli mieghu kif ghidt jien kont niehu hsieb id-distributuri kollha apparti dawn li qed nghidlek, kien ikun hemm hafna up and downs mieghu jigifieri jekk laqat it-truck ta' xi hadd ha jigu jghidu lili ghax laqat it-truck, ikun hemm fejn jien nikkomplajnja habba l-overtime jew ghax hadem il-break ghax ikun hemm hafna trukkijiet fix-Xitwa, mieghi ha joqghod jilmenta ghax jien kont qed naghmel dawn l-affarijiet ghad-distributuri biex tkun iktar efficjenti ghalina imma f'ghajnejh jien ma kontx qed inkun target tajba hux. Plus hekk illum nifhem iktar affarijiet jigifieri x'setghu gabu li kien qed jarani ized iktar lili f'dawn l-affarijiet.... Kif taf inti xehed kontrija li jien kelli x'naqsam ma' tbghabis tac-cilindri u affarijiet minn dawn. Illum nifhem ghalfejn ghamilha din il-bicca tax-xoghol jigifieri ghax jiena dejjem kont anki nitla' nilmenta mall-kumpannija fejn nghidilha isma ma jistax ikun, Enemalta kien ghad hemm zewg kontrollers biex jghaddu x-xoghol, biex jicekkjaw u jivverifikaw mieghek li inti ghandek dak ix-xoghol, imbaghad kien ikun hemm bniedem iehor fuq il-lifter li m'ghandu xejn x'jaqsam kemm jaqbad ihott u ma jaghmel somom xejn. Ma jistax ikun dan il-bniedem irid jaghmel*

[59] Fol.257
[60] Fol.258

*dawn l-affarijiet kollha f'daqqa fix-Xitwa meta jkollok sittin truck qeghdin jistennew hemmhekk hux. Imma ghalih ma kinitx qed tkun tajba din il-bicca tax-xoghol ghax ghalih hu ried ikompli jahdimha ghax sintendi kien qed jaghmel gwadann minn fuq din is-sistema hux..... Il-gwadann kien qed jaghmlu bi ftehim ma' haddiehor fejn dawn jifhtemu fuq cilindri li jiddahhlu, jiftehmu bejniethom u sintendi jirrangaw bejniethom biex jiffrodaw lil Liquigas."*[61]

Punt rilevanti li jaghmel l-imputat u li jolqot il-kreddibilita` ta' Camilleri hu li meta wiehed jikkonsidra li b'kollox id-distributuri li maghhom kien hemm kolluzzjoni kienu xi 6 - fejn dawn spiccaw hallsu biss bejn €1,000-€2,000 kull wiehed, ghajr ghal distributur iehor li hallas xi €10,000 - meta wiehed iqis li l-ammont globali dovut mid-distributuri kien ta' €63,000 (il-50% l-iehor), *"ma jammontawx ghal dawk il-flus. Jien nemmen li kien hemm iktar fix-xibka taghha din il-bicca tax-xoghol li ma ssemmewx biex setgha zamm il-flus ghalih u gara li gara hux."*.[62] **Dak li jghid l-imputat jigi kkorroborat minn Stephen Muscat meta jesebixxi dokument li juri li l-5 distributuri l-ohra kull ma hallsu lura lil Gasco kien €18, 329.37.**[63]

**Illi tali konsiderazzjoni tassumi rilevanza akbar tenut kont kif gja inghad li l-ammont li l-kumpanija stamt bhala telf kien dak ta' l-fuq minn €179,500 fejn 50% kienu jfissru cifra ta' madwar €89,750!**[64]

L-imputat jghid li r-relazzjoni mal-kumpanija baqaw tajbin tant li ghenuh meta huh marad minkejja li kien hemm dawn l-allegazzjonijiet u sahansitra talbuh imur jahdem maghhom bhala distributur ghalihom biss. Cremona ghadda biex ipprezenta statistika li tkopri Awissu, 2012, sa Marzu, 2013, u cioe` is-7 xhur li fi kliem Camilleri kien qed isir dan is-serq. Jispjega li skond ic-chits/*invoices* li kien jiffirma hu u fejn Camilleri kien il-controller minn Awissu sa Dicembru, 2012, hu nizel fl-impjant 12 mis-72 darba bil-kumplament jinzlu huh u lavrant minn taghhom.[65] Minn Jannar sa Marzu, 2013, minn 34 il-darba hu nizel biss fi 12 il-okkazzjoni. Jghid li kien jipprova jevita lil dan Camilleri u jfittex li jinqeda minn kontrollur iehor *"Ghax ma konniex immorru tajjeb x'hin jara lili jissupervja qisu raha skuzi x-Xitan, jissalvaggja biex jghabbili t-truck"*[66] u jattribwixxi r-relazzjoni hazina mieghu ghall-fatt li kien qed jiggieled

[61] Fol.260-261
[62] Fol.262
[63] Dok. SM a fol.299
[64] Fol.61
[65] Fol.265
[66] Fol.267

sabiex ikun hemm izjed kontrolluri u kien hu li gieli kien imur jirraporta li kien zbalji riskontrati minn distributuri ohra fl-ghadd li jkun sar minn Camilleri.

Cremona jkompli ixxejjen il-verzjoni ta' Camilleri meta jixhed hekk: *"It-tieni punt huwa li jekk dak li qed jghid huwa minnu u jien ghabbejt biss tnax il-darba minghandu 12 u 12, 24, biex jigu dak l-ammont kollu li qed jghid huwa li jien ghamilt xi elf Euro fil-gimgha ghal sebgha xhur, ridt litteralment ninzel inkun qisni fantasma u nerga nitla', hadd ma raghni xejn, nghabbi u nerga' nitlaq l'barra li huwa xi haga litteralment impossibli hux..... F'mitt darba bejn wiehed u iehor 72 u 34 jien <u>24 darba kelli x'naqsam mieghu</u>.... Kieku kelli nteress minn 72 kont nipprova mmur 74 tigi ovvja."*[67] L-imputat esebixxa dawn ic-chits li fuqhom inhaddmu l-kalkoli tieghu fejn iddistingwa l-firma tieghu minn firem ohra maghmula minn huh u l-lavrant taghhom.[68] Anke Stephen Muscat jikkonferma li min ikun qed jirraprezenta lid-distributur, f'dan il-kaz lil Fernando Cremona, u jiehu il-konsenja ta' gass, kien jiffirma l-invoice.[69]

Fernando Cremona izid jghid li bhala *loadings* jista' jaghti l-kaz li jkun hemm iktar minn 72 ghaliex ikunu nizlu b'iktar minn truck wiehed fl-istess gurnata u chits jinghataw lil kull truck, u ghalhekk ikun hemm aktar minn 72 chit.[70] Jghid li hu s-soltu juza t-truck GAS-026 u fil-fatt **kif gja gie kkonstatat il-Qorti din il-firma fuq l-invoice B68440 relatata mal-vjagg tal-4 ta' Marzu, 2013, bit-truck GAS 026 tidher identika ghall-dik fl-istqarrijiet tal-imputat**![71] L-original ta' din l-invoice ukoll giet esebita mill-imputat u dan jispejga *"l-accounts jahdem x'dahhalt vojt biex jiena dejjem jizdiedli mall-vojt tieghi li rritornajt ghax dak li ma nirritornax irid inhallas jien ukoll ghalih fl-ahhar tax-xhar, u sintendi x'ghabbejt irid jicchargjani ta' dak li ghabbejt."*[72] Kien hemm okazzjonijiet fejn zbalji li jigu nnutati wara li jkunu saru l-vjaggi jigu sanati meta jerga' jmur jghabbi[73] u dan kien jigri minhabba l-mod mghaggel kif kien isir ix-xoghol li ma kienx jippermetti li jsiru verifiki fil-hin li jitghabbew ic-cilindri. Cremona jghid li meta kien jinduna kien gieli jcempel lil Camilleri jgharrfu bl-

---

[67] Fol.268
[68] Dok. FC1 – chits Awissu-Dicembru 2012. Chits Jannar-Marzu 2013 esebiti bhala Dok. FC2.
[69] Dok. SM a fol.299
[70] Fol.270
[71] <u>Vide invoice fol.55.</u>
[72] Fol.272
[73] Fol.273

izball u jinfurmah li jirrangaw id-diskrepanza meta jerga' jinzel l-impjant.

L-imputat ikompli bix-xhieda tieghu u jispjega li meta gie nterrogat hu mill-ewwel qal lill-pulizija li huma mhux fuq ic-cctv kellhom joqghodu imma fuq ic-*chits "ghax inti jekk ghandek il-mimli hemmhekk irid jigi deducted. ... jkunu fejn ikunu hux jghid isma mela ghandu ghaxra go din [il-gagga], hmistax go din [il-gagga], mela b'kollox mimli dan kellu tletin minn dik it-tip u ghaxra minn ta' dak it-tip, issa jrid inaqqas kemm mill-vojt u kemm mill-mimli, allura inti fuq il-karta ha juri kwazi kwazi l-karta mall-firma bazikament, jigifieri dak li ghandek deducted ha jkun qieghed nieqes hemm.* Jinnega li qatt mar hdejn id-dar tieghu *"Mhux veru qatt ma mort, <u>cempiltlu iva kemm il-darba meta jkolli problema cempiltlu</u> jigifieri ghax problema problema.... Fejn id-dar tieghu qatt ma mort jien fejn joqghod ma nafx, l'unika darba li bazikament jiena kont niezel bil-familja bit-tfal jigifieri gejjin minn naha ta' Bulebel fit-triq jigifieri dik l-unika darba kelli zball u rajtu ghaddej fit-triq kien qieghed...Kien hemm il-mara mieghi u t-tfal, tfajt fil-genb ghidtlu isma u b'kumbinazzjoni kelli anki l-karta fuqi...Le jien fejn joqghod ma nafx."*[74]Itemm ix-xhieda tieghu in ezami billi jkompli jinsisti fuq l-innocenza tieghu u li ghalkemm gie *"pushjat biex nametti"* mill-pulizija hu jiddikjara li ma seta' qatt jammetti ghal xi haga hazina li hu ma ghamilx.[75]

In kontro-ezami jikkonferma li d-distributuri l-ohra li ammettew l-involviment taghhom lkoll baqaw joperaw simili ghalih.[76] Mistoqsi jispjega l-fatt li mill-*footage* jidher it-truck tieghu diehel b'ammont u hiereg b'ammont akbar Cremona jispjega li kull gagga tiehu 35 cilindru *"t-truck tieghi meta jkun qieghed full load tmin gageg jesgha mitejn u tmenin cilindru meta jkun qieghed mimli kollu....jekk jien ghandi l-mimli got-trukk meta jien gejt biex inizzilli fuq il-karta jekk jien ghandi minn mitejn u tmenin minnu ghandi hamsin cilindru li huwa mimli, jien fuq il-karta mhux ha jnizzilli li dhalt b'mitejn u tmenin, ha jnizzilli li dhalt b'mitejn u tletin u hrigt jekk nerga' nghabbi kollox l-istess mhux ha nerga nohrog b'mitejn u tmenin imma ha nohrog b'mitejn u tletin, jigifieri* ***dak li inti qed tara fuq il-karta li kellek tikkonfermah mall-camera, mar-ritratt, li ghandu l-Ispettur ma jabilx, ghax inti l-karta ha taraha mitejn u tmenin imma minnhom hemm il-mimli li dan deducted kemm mill-vojt u kemm mill-mimli. Jigifieri jekk inti kellek timxi fuq il-karta x'hemm miktub fuq il-karta trukk suppost***

[74] Fol.277-278
[75] Fol.278-279
[76] Fol.279

***irid ikollu inqas gaggeg, jien b'kemm dhalt hrigt,** infatti jien ghamilt statistika ohra jigifieri kemm huma c-cilindri li jiena dhalt u li jiena hrigt, jigifieri minn Awwissu sa Dicembru jekk dahhalt 2396 hrigt 2395 cilindri, jekk ha nohrog bin-nieqes jew hekk ha nhallas imma nipprova nzomm..vice versa minn Jannar sa Marzu dahhalt 2364 u hrigt 2757,[77] jigifieri hrigt inqas milli dahhalt. Imma kif qed nispjega r-ritratt ic-CCTV qatt m'hu ha jaqblu mall-karta, u filfatt ghalhekk biddlu l-procedura llum il-gurnata u gabu li jicekkjak is-security issa u jghoddok u jaqbel bil-karta mieghek u jaghmilha l-karta biex issa inti double check mhux bhal ma kien qabel, qabel kien jicekkja imma ma nafx xiex mit-tappijiet, jien u hija naraw li kollha bit-tappijiet ghax ma nistghu nergghu ndahhlu..jigifieri d-differenza kienet qabel kien jaqbad ihotthom minn fuq it-trukk, jghabbili l-mimli, jiddeductjali x'kelli mimli u nitlaq l'barra.*

*Qorti: Jigifieri minuta dak li jkollok mimli kien xorta jnizzlu?*

*Xhud: Jnizzlu u jibqa l-fabbrika.... imbaghad hu jitfaghhom fuq il-magna, l-vojt imur ghalih, il-mimli jmur ghalih, jergaw imorru gol-gaggeg u nerga nohrog bil-mimlijin. Issa llum il-gurnata bidluha din il-procedura qed isir security fuq jaqbel mieghek dak li ghandek mimli u li ghandek kollox, l-istess haga trid terga taqbel mieghu isfel, dak li ghandek mimli trid terga tigbru mieghek, ma thalliehx hemmhekk, ghax jekk inti nizzilt tletin cilindru trid terga tiehu l-istess tletin cilindru li hadt inti....Jinhatt kompletament jinhatt kollu u jghaddilek ix-xoghol kollu gdid. .... Jista' jkun tibdel il-qies ukoll nizzilt tant issa rridhom mija differenti."*[78] Mitlub jispjega ghaliex Camilleri, li mieghu qatt ma kellu problemi ghajr kwistjonijiet ta' xoghol, kellu jivvinta storja simili, Cremona jghid li semma' lilu minflok nies ohra biex jghatti d-difetti tieghu ukoll.

Il-Qorti ftit tara sens f'dan ir-ragunament **ghaliex Camilleri spicca hallas in-nofs ta' dak l-ammont li kienet il-kumpanija stess li ddeterminat bhala l-ammont derubat lilha**![79]

Jigi osservat li Cremona jghid li kemm il-darba kien icempel lill Camilleri meta kien ikun hemm diskrepanzi. Dan jista' jibda jispjega in-numru konsiderevoli ta' telefonati li saru mill-imputat lil Camilleri[80] izda l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova liema numru kien qed juza dan tal-

[77] Vide Dok. A a fol.294 bir-rendikont ta cilindri vojta u mimlija li ghamel l-imputat.
[78] Fol.280-282
[79] Fol.61
[80] Fol.82 et seq.

ahhar ghalkemm ipproduciet bhala xhud lil Vodafone bl-iskop li jingiebu l-kuntatti telefonici bejn zewg numri partikolari li l-Qorti tista' biss tispekula li wiehed minnhom jappartjeni lil Camilleri galadarba mill-istqarrija jirrizulta li n-numru l-iehor 79928420 kien jappartjeni lill-imputat. Camilleri ma gie mistoqsi l-ebda domanda dwar il-kuntatti telefonici li seta' kellu mal-imputat tenut kont ta' dak esebit mir-rapprezentant tal-Vodafone! **Din il-prova setghet tghin sabiex tigi kkoroborata x-xhieda ta' Camilleri fejn ma rrizultat minn imkien il-htiega li jkun hemm daqstant kuntatt bejn dawn iz-zewg persuni anke f'hinijiet ta' filghaxija meta l-impjant kien ikun maghluq u fil-jum tal-Kuncizzjoni u l-Milied!**[81] Anke rigward il-hinijiet li fihom saru t-telefonati, ma giex pruvat il-hin li ikun qed jopera l-impjant u ghalhekk tigi determinata jekk il-fatt li kienu qed isiru telefonati filghaxija u f'festi pubblici kienux okkorenzi li sehhew f'jum u hinijiet normali tal-operat tal-impjant!

Minn naha l-ohra, il-Qorti tosserva li fuq l-*invoices* esebiti ghall-perjodu Awissu – Dicembru, 2012, li skond l-imputat hemm fuqhom il-firma tieghu, **dawk il-firem jidhru identici ghal dawk fuq l-istqarrijiet esebiti**. L-istess jinghad ghal firem fuq l-*invoices* ghall-perjodu Jannar-Marzu, 2013, ghajr ghal dik fuq invoice B65728 ghall-4 ta' Jannar, 2013, li *ictu oculi* tixbah hafna iktar dik il-firma li tidher fuq invoice B68438 li kienet indikata bhala invoice li tirrigwarda vjagg maghmul minn Riccardo, hu l-imputat.[82] Dan il-fatt joffri korroborazzjoni ghall-verzjoni tal-imputat.

Ma jistax jintnesa ukoll dak li kkonkluda l-espert Farrugia Sacco u cioe` li n-numri tal-pjanci tat-trukkijiet ma setghux jigu determinati, fir-rapport minn tieghu jirrizulta li vjagg tal-5 ta' Marzu, 2013, li saru hafna argumenti dwaru fejn gie allegat li sar mill-imputat, il-*footage* rilevanti ghal dak il-vjagg kien saved mill-kumpanija bhala li jappartjeni lil *"Fernando brother Tuesday 5th March.docx"*.[83]

Il-Qorti tosserva li nofs dak l-ammont misruq stabilit bl-*audit* li ghamlet il-kumpanija (€179,570)[84] hu ta' €89,750 u kien jirrigwarda biss l-produzzjoni bejn Jannar u Frar 2013, meta fi kliem Camilleri is-serq kien

[81] Fol.82 tergo
[82] Vide fol.46 li tirrigwarda l-vjagg indikat bhala li sar minn *"Brother of Fernando"* a fol.38
[83] Fol.159
[84] Fol.61

beda minn xi seba xhur qabel, f'Marzu 2013.[85] Ghalhekk hekk kif il-kumpanija accettat €63,000 minghand Camilleri bhala 50% tal-ammont misruq, kienet qed tirrikonoxxi li l-ammont derubat seta' kien ferm inqas minn dak stabbilit bl-audit li kien ibbazzat fuq *stock take* tal-gas – fattur li jista' jigi **accertat mir-records tal-kumpanija**! U allura tqum id-domanda: jista' jkun li l-kalkoli li saru biss **vizzwalment minn fuq footages** (meta n-numri tat-trukkijiet li jidhru diehlin fl-impjant ma jirrizultawx kjarament) u fejn kuntrarjament ghall-records ma jistghux jigu determinati b'certezza, kienu daqstant iehor erroneji?

Konsiderazzjoni ohra tal-Qorti tirrigwarda dak li xehed originarjament l-imputat meta stqarr li l-ammont globali li d-distributuri (li kienu f'kolluzzjoni u ammettew l-involviment taghhom ma Camilleri) hallsu lura lil Gasco kien l-boghod mis-somma stmata li soffriet bhala telf l-istess kumpanija, u cioe` 50% ta' dik is-somma galadarba Camilleri kien rrestitwixxa dak li skond hu kien 50% li ha hu stess - €63,000.

Fil-fatt Stephen Muscat esebixxa dokument li jikkonferma x-xhieda ta' Cremona li juri li b'kollox dawn il-5 distributuri hallsu bejniethom **€18,329.37**.[86] **Fuq kollox l-ammont li l-kumpanija stamt bhala telf kien dak ta'l-fuq minn €179,500 fejn 50% kienu jissarfu f'cifra ta' madwar €89,750[87] Tali diskrepanza ftit thalli lok ghall-interpretazzjoni!**

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet u mir-rizultanzi processwali, fejn ix-xhieda moghtija mill-imputat sabiex ixxejjen l-allegazzjoni ta' serq ta' cilindri - ghalkemm wahda li thalli certi dubbji dwar ir-raguni vera li Camilleri kellu jigdeb fuqu u jesponi ruhu ghal proceduri *inter alia* fuq kalunnja meta kien gja nstab hati fuq reati konnessi ma dawn l-allegazzjonijiet - fil-fehma tal-Qorti tibqa' waħda plawzibbli u komfortata mill-provi prodotti minnu. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest bil-ligi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija.

---

[85] Fol.68. F'Marzu hu kien safa mkecci, tant li r-rapport sar fit-8 ta' Marzu, 2013 kif jixhed il-Current Incident Report.

[86] Dok. SM a fol.299

[87] Fol.61

Tordna li jigu ritornati lill-imputat l-invoices esebiti *animo ritirandi* bhala Dok. FC1 u Dok.FC2.[88]

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[88] Vide verbal tal-20 ta' Mejju, 2016